# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-403/16**

**Soufiane El Hassani**
**vs**
**Minister Spraw Zagranicznych**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny)

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Regolament (KE) Nru 810/2009 – Artikolu 32(3) – Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi – Deċiżjoni li tirrifjuta l-viża – Dritt tal-applikant li jappella minn din id-deċiżjoni – Obbligu ta' Stat Membru li jiggarantixxi d-dritt għal rimedju ġurizzjarju"

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' Diċembru 2017

1. *Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni - Politika tal-viżi - Kodiċi Komunitarju tla-viżi - Regolament Nru 810/2009 - Proċeduri u kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi uniformi - Rifjut ta' viża - Rikors kontra dik id-deċiżjoni - Applikazzjoni tal-modalitajiet proċedurali nazzjonali - Prinċipju tal-awtonomija proċedurali - Osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività*

   *(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 810/2009, Artikolu 32(3))*

2. *Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni - Politika tal-viżi - Kodiċi Komunitarju tla-viżi - Regolament Nru 810/2009 - Proċeduri u kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi uniformi - Rifjut ta' viża - Obbligu tal-Istati Membru li jipprovdu għal proċedura li tiggarantixxi rimedju ġudizzjarju kontra din id-deċiżjoni*

   *(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 810/2009, Artikolu 32(3))*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 25-30)

2. L-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprovdu għal proċedura ta' appell mid-deċiżjonijiet ta' rifjut ta' viżi, li l-modalitajiet tagħha għandhom jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku ta' kull Stat Membru b'osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Din il-proċedura għandha tiggaranixxi, f'ċertu stadju tal-proċedura, rimedju ġudizzjarju.

Hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika qorti li għandha ġurisdizzjoni tinterpreta d-dritt nazzjonali, li għandha tiddetermina jekk u sa liema punt, is-sistema ta' reviżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfax dawn ir-rekwiżiti. F'dan ir-rigward, il-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-kodiċi dwar il-viżi għandha ssir, kif jirriżulta mill-premessa 29 ta' dan il-kodiċi, b'osservanza tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta.

Għalkemm huwa minnu li l-awtoritajiet nazzjonali jibbenefikaw, fl-eżami tagħhom tal-applikazzjonijiet għal viża, minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-raġunijiet għal rifjut previsti mill-kodiċi dwar il-viżi u tal-evalwazzjoni tal-fatti rilevanti, xorta jibqa' l-fatt li tali marġni diskrezzjonali bl-ebda mod ma tinċidi fuq il-fatt li dawn l-awtoritajiet japplikaw direttament dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni.Minn dan jirriżulta li l-Karta hija applikabbli meta Stat Membru jadotta deċiżjoni ta' rifjut ta' ħruġ ta' viża skont l-Artikolu 32(1) tal-kodiċi tal-viżi.Barra minn hekk, l-Artikolu 47 tal-Karta, li jikkostitwixxi affermazzjoni mill-ġdid tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jeżiġi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li kull persuna li tkun ġarrbet ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni għandha dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi artikolu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, Tall, C-239/14, EU:C:2015:824, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt li l-kawża tagħha tinstema' quddiem qorti indipendenti u imparzjali. Minn dan jirriżulta, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 119 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-Artikolu 47 tal-Karta jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiggarantixxu, f'ċertu stadju tal-proċedura, il-possibbiltà ta' ftuħ ta' kawża quddiem qorti marbuta ma' deċiżjoni definittiva ta' rifjut.

(ara l-punti 31, 32, 36-39, 41, 42 u dispożittiv)